Strateġija Nazzjonali

# GĦAT-TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA

Faċli Biex Taqra

2023 - 2030

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA

CRPD

Verżjoni

# FAĊLI BIEX TAQRA

Miktuba b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità

CRPD



Dan id-dokument huwa pjan dwar **it-tagħlim** tul il-ħajja.




Il-pjan ta’ dan id-dokument jibda **mis-sena 2023 u jkompli sal-2030**.



**Il-kapaċitajiet** tal-adulti huma importanti ħafna għall-Kummissjoni Ewropea.



Il-Kummissjoni Ewropea għandha l-għan li **ttejjeb il-kapaċitajiet** tal-adulti u tgħinhom isibu abbiltajiet ġodda.



Dawn il-kapaċitajiet ser jgħinu lill-adulti biex ikunu aktar indipendenti, **jemmnu aktar fihom infushom** u jkollhom aktar opportunitajiet edukattivi u ta' xogħol.



L-ewwel parti tinvolvi pjan dwar kif ser **jinħolqu** opportunitajiet ġodda għal dawk l-adulti li għandhom livell baxx ta' edukazzjoni.



Dan il-pjan għandu **tliet fażijiet**.





Dawn l-adulti se jkunu **f'riskju akbar** ta' faqar għax jistgħu jesperjenzaw problemi fl-edukazzjoni u biex isibu impjieg.



L-ewwel parti ser **tgħin lill-adulti**.



Dawn l-adulti ser **jitgħallmu permezz ta’ korsijiet** maħluqa għall-kapaċitajiet tagħhom.



Dan ser isir permezz ta’ **lista ta’ suġġerimenti** li se tgħin lill-adulti jitgħallmu iktar dwar il-kapaċitajiet tagħhom.



Il-Ministeru tal-Edukazzjoni ser jara li jkun hemm **il-ħlas għal dawn il-korsijiet**.



It-tieni parti tinvolvi metodi u **opportunitajiet differenti** għat-tagħlim.



Kull adult għandu **modi differenti** ta' tagħlim.



L-adulti għandhom jingħataw **opportunitajiet differenti** sabiex ikunu jistgħu jitgħallmu kollha.



Dawn il-korsijiet ser jgħinu lill-adulti biex **jipparteċipaw u jintegraw** b'mod sħiħ fil-komunità.



Dawn il-korsijiet ser jgħallmu lil dawn l-adulti **l-ħiliet neċessarji** ta' kif jikkomunikaw ma' nies oħra.



Dawn il-korsijiet iridu jsiru **f'postijiet pubbliċi** bħal fil-Kunsilli Lokali, fil-libreriji u f'Organizzazzjonijiet Volontarji.



It-tielet parti tittratta dwar l-importanza ta' korsijiet ta' **kwalità tajba** għall-adulti.



L-aħjar mod ta' kif tgħallem lill-adulti huwa billi **tistaqsihom u tisma'** x'inhuma l-bżonnijiet tagħhom.

Il-persuni li joffru gwida għandhom ir-rwol li jgħinu lill-adulti jagħmlu l-għażliet.



Huwa importanti li **qatt ma tieqaf titgħallem**.



L-għalliema wkoll għandhom ikomplu jitgħallmu sabiex ikunu jistgħu **jgħinu aħjar** lill-istudenti tagħhom.



Għal aktar informazzjoni żur **is-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Edukazzjoni**.

education.gov.mt

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR EDUCATION,
SPORT, YOUTH, RESEARCH
AND INNOVATION